**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 247**

It-Tnejn, 17 ta' Ġunju 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fis-2.00 p.m.

Id-Deputy Speaker l-Onor. David Agius ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi l-Onor Silvio Schembri u l-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Chris Bonett kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech, kien imsiefer fuq xogħol tal-partit.

L-Onor. Eve Borg Bonello kienet skużata.

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon u l-Onor. Chris Fearne kienu assenti.

**TALBA**

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 246 li saret fit-12 ta' Ġunju 2024 kienu kkonfermati.

**KUNSENS GĦALL-ATTI**

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li l-Aġent President għoġbu jagħti l-Kunsens tiegħu għal:

**Att Nru XIX tal-2024 -** Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

Id-Deputy Speaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3849 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Jojoe Company Limited vs Maria Attard et (Rikors Numru 810/2021 RGM), deċiża fid-29 ta' Settembru 2022 u dik tal-Appell datata 10 ta' Ġunju 2024, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 3850 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Roger De Gaetano et vs Christine Bonnici et (Rikors Numru 113/2020 TA), deċiża fid-29 ta' Settembru 2022 u dik tal-Appell datata 3 ta' Ġunju 2024, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 3851 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Anthony Camilleri vs l-Avukat tal-Istat (Rikors Numru 842/21 TA), deċiża fit-18 ta' April 2023 u dik tal-Appell datata 3 ta' Ġunju 2024, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

P.L. 3852 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Jojoe Company Limited vs Emanuela sive Lilian Portelli et (Rikors Numru 813/2021 JVC), deċiża fis-27 ta' April 2023 u dik tal-Appell datata 10 ta' Ġunju 2024, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**MISTOQSIJIET**

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li skont il-ftehim verbalizzat fil-Kamra fit-12 ta' Ġunju 2024, il-ħin tal-mistoqsijiet ta' din is-seduta kellu jkun bejn l-4.30 p.m u l-5.00 p.m.

**KUMITATI PERMANENTI**

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li saret nhar l-Erbgħa, 12 ta' Ġunju 2024, l-Onor. Naomi Cachia u l-Onor. Randolph De Battista ssostitwixxew lill-Onor. Romilda Zarb u l-Onor. Omar Farrugia, u fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet ta' Għawdex li kellha ssir dakinhar, l-Onor. Chris Agius kellu jissostitwixxi lill-Onor. Anton Refalo.

**MOZZJONIJIET**

**ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI GĦAS-SENA 2024 - MOZZJONI 251**

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, ipproponiet:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024, skont l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, Kap. 549.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont il-ftehim milħuq fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2024, il-ħin għad-diskussjoni fuq din il-mozzjoni kellu jkun ta' sagħtejn u nofs, ċjoè sal-4.30 p.m., bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, u l-ftuħ u l-għeluq mill-Gvern.

Fit-3.53 p.m, bil-permess tal-Kamra, id-diskussjoni kienet interrotta għal ftit mumenti sakemm isir rapport dwar ħidma tal-kumitati.

**KUMITATI PERMANENTI**

Il-President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, l-Onor. Deo Debattista, irrapporta li fil-laqgħa tal-Erbgħa 12 ta' Ġunju 2024, il-Kumitat iddiskuta l-*Partial Review of the Development Control Design Policy, Guidance and Standards 2015 – Policy P35 (Building Heights),* u l-intenzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar li tirtira s-subsidiary policy SMMS 04-Yacht Marina Site mit-2005 South Malta Local Plan għal Marsaskala.

Huwa informa lill-Kamra li s-suġġerimenti li saru waqt l-istess laqgħa kienu se jintbagħtu dakinhar stess lill-Awtorità tal-Ippjanar qabel jagħlaq il-perjodu ta' konsultazzjoni.

Huwa qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3853 *Partial Review of the Development Control Design Policy, Guidance and Standards 2015 – Policy P35 (Building Heights)*;

P.L. 3854 Subsidiary policy SMMS 04-Yacht Marina Site; u

P.L. 3855 Traskrizzjoni mhux editjata u mhux riveduta tal-Laqgħa Nru 6 tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li saret fit-12 ta' Ġunju 2024 li fiha ġew diskussi l-*Partial Review of the Development Control Design Policy, Guidance and Standards 2015 – Policy P35 (Building Heights)*; u l-intenzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar li tirtira s-subsidiary policy SMMS 04-Yacht Marina Site mit-2005 South Malta Local Plan għal Marsaskala.

**ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI GĦAS-SENA 2024 - MOZZJONI 251 (KONT.)**

Fit-3.54 p.m. il-Kamra rriżumiet id-diskussjoni fuq il-mozzjoni dwar l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena 2024.

Bil-permess tal-Kamra l-Onor. Robert Cutajar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3856 Artiklu bl-isem 'Environment Authority's backyard garden works breach its own plans' li deher fuq is-sit elettroniku ta' *The Shift* fl-24 ta' Frar 2024;

P.L. 3857 Artiklu bl-isem 'L-Arja ta' Malta għandha aktar mid-doppju tat-Tniġġis rakkomandat mil-Linji Gwida tal-Awtorità Dinjija tas-Saħħa' li deher fuq is-sit elettroniku *https://www.gwida.mt* fid-19 ta' Marzu 2024; u

P.L. 3858 Artiklu bl-isem 'Malta terġa' tirreġistra l-ogħla żieda fl-emissjonijiet fl-arja' li deher fuq is-sit elettroniku ta' *Newsbook Malta* fis-17 ta' Mejju 2024.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Miriam Dalli, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Carmelo Abela, l-Onor. Darren Carabott, l-Onor. Randolph De Battista, l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea.

Fl-4.30 meta d-Deputy Speaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, intalbet votazzjoni li kellha tittieħed fis-seduta tal-Erbgħa, 19 ta' Ġunju 2024, skont il-ftehim verbalizzat fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2024.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17946, il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3859 Tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq online portals mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni matul il-perjodu bejn Jannar u t-13 ta' Mejju 2024.

Fil-5.00 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 17946 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3860 Avviż Legali Nru 135 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 dwar l-Organizzazzjoni ta' Riċevimenti tat-Tiġijiet fil-Foss taċ-Ċittadella;

P.L. 3861 Tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq stazzjonijiet tar-radju mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali bejn Jannar u Mejju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17951;

P.L. 3862 Tagħrif dwar l-allokazzjoni finanzjarja lil kull kunsill lokali għal kull sena bejn l-2014 u l-2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19494;

P.L. 3863 Tagħrif dwar ħlasijiet li saru mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali lil xi kumpaniji għal xogħlijiet li wettqu bejn l-2021 u l-2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19531;

P.L. 3864 Tagħrif marbut ma' proġetti ta' xogħlijiet ta' restawr fuq żoni tas-swar tal-Furjana, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19978;

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3865 Tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq stazzjonijiet tar-radju mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Prim Ministru bejn Frar 2023 u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17949;

P.L. 3866 Tagħrif dwar ħlasijiet li saru mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Prim Ministru lil xi kumpaniji għal xogħlijiet li wettqu bejn l-2010 u l-2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19530;

f'isem il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3867 Tagħrif dwar ħlasijiet li saru mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ lil xi kumpaniji għal xogħlijiet li wettqu bejn l-2011 u l-2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19532;

f'isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3868 Tabella li tagħti tagħrif dwar persuni li bbenefikaw mill-assistenza għal diżabilità severa fl-2023 u fl-2024, u n-numru ta' applikanti għall-istess assistenza fl-2024 maqsuma skont dawk li kienu intitolati u dawk li ma kenux, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19907;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3869 Avviż Legali Nru 132 tal-2024 – Innovative Technology Arrangements and Services (ITAS) Certification Regulations, 2024;

P.L. 3870 Avviż Legali Nru 133 tal-2024 – Cybersecurity Certification Regulations, 2024;

P.L. 3871 Tabella li tagħti tagħrif dwar chairpersons ta' entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19496;

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3872 Tabella li tagħti tagħrif dwar ħaddiema seconded jew on loan mal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19491;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3873 Avviż Legali Nru 134 tal-2024 – Virtual Financial Assets (Amendment) Regulations, 2024; u

f'isem il-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3874 Avviż Legali 131 tal-2024 li kien tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta 244 tal-10 ta' Ġunju 2024, li minħabba żball ammministrattiv ma kenitx tpoġġiet il-verżjoni finali u korretta tiegħu.

Il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3875 Tabella li tagħti tagħrif dwar ilmenti relatati ma' riħa ta' drenaġġ fit-toroq li d-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali rċieva u investiga bejn Ġunju 2022 u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19910.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa ta' dakinhar tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet ta' Għawdex, l-Onor. Amanda Spiteri Grech issostitwixxiet lill-Onor. Clint Camilleri.

Skont il-ftehim milħuq fis-Seduta 246 tat-12 ta' Ġunju 2024, il-Kamra għaddiet għat-tieni mozzjoni li kienet tidher fuq l-aġenda.

**ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ DWAR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL GĦAS-SENA 2024 – MOZZJONI 246**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024, skont l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Kap. 424.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont il-ftehim milħuq fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2024, il-ħin għad-diskussjoni fuq din il-mozzjoni kellu jkun ta' sagħtejn u nofs, ċjoè sas-7.30 p.m., bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, u l-ftuħ u l-għeluq mill-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Jonathan Attard, l-Onor. Stanley Zammit, l-Onor. Jerome Caruana Cilia u l-Onor. Ray Abela.

Meta l-Ispeaker, għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, intalbet votazzjoni li kellha tittieħed fis-seduta tal-Erbgħa, 19 ta' Ġunju 2024, skont il-ftehim verbalizzat fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2024.

Fis-6.58 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju 2024, fis-2.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

Riżoluzzjoni dwar trasferiment ta' proprjetà lil Marsa FC
Riżoluzzjoni dwar trasferiment ta' proprjetà lil Lija Athletic FC
Riżoluzzjoni dwar trasferiment ta' proprjetà lil Siġġiewi FC
Riżoluzzjoni dwar trasferiment ta' proprjetà lil Gudja United FC
Riżoluzzjoni dwar trasferiment ta' proprjetà lil Victoria Hotspurs FC
Estimi Finanzjarji tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena 2024
Estimi Finanzjarji tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena 2024

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jħassar l-Ordinanza dwar il-Lebbrużi u r-Regolamenti dwar il-Lebbrużi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Tielet Qari (Votazzjoni) |
| Estimi tal-Awtorità għall-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena finanzjarja 2024 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjarja 2024 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Patrimonju Malta u tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena finanzjarja 2024 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Jobsplus għas-sena finanzjarja 2024 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għat-Turiżmu ta' Malta għas-sena finanzjarja 2024 | Votazzjoni |
| Estimi Finanzjarji tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena 2024 | Votazzjoni |
| Estimi Finanzjarji tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena 2024 | Votazzjoni |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Graziella Attard Previ u l-Onor. Janice Chetcuti.

Fis-7.27 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju 2024, fis-2.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**